31968R0315

21.3.1968 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 71/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 315/68

tat-12 ta' Marzu 1968

li jistabbilixxi l-istandards tal-kwalità għall-basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) N 234/68 [1] tas-27 Frar 1968 dwar l-istabbiliment ta' organizzazjoni komuni tas-suq tas-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u oġġetti oħra ta' din ix-xorta, fjuri maqtugħa u weraq għat-tiżjin, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Billi hemm kummerċ sostanzjali fil-basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi kemm fil-Komunità kif ukoll bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi; billi il-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ta' dak il-mudell ta' kummerċ jitlob li jiġu stabbiliti *standards* ta' kwalità komuni;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għandhom jiġu stabbiliti *standards* ta' kwalità għall-basal, tuberi, għeruq tat-tuberi, basal tal-qasab, klil tal-ward u riżomi, imraqqda, li jaqgħu taħt is-subintestatura Nru 06.01 A tat-Tariffa Doganali Komuni.

Dawn l-*istandards* ta' kwalità huma definiti fl-Anness.

Artikolu 2

1. ill-1 ta' Lulju 1968, jekk il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 ma jkunux konformi ma' l-*istandards* ta' kwalità, dawn ma' jistgħux:

— jiġu esposti għall-bejgħ, offerti għall-bejgħ, mibjugħa jew ikkunsinnati lill-konsumatur għall-ħtiġiet personali tiegħu minn kummerċjant jew direttament minn produttur ġewwa l-Komunità;

— jiġu esportati lejn pajjiż terz.

2. -Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati jieħdu miżuri li jidderogaw mid-dispożizzjoni tat-tieni inċiż tal-Paragrafu 1 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' l-*istandards* tal-kwalità sabiex jippermettu lill-esportaturi sabiex jissodisfaw r-rekwiżiti tal-kummerċ ta' ċerti pajjiżi terzi.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 234/68, u l-kondizzjonijiet li għalihom tista' tkun soġġetta l-awtorizzazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond l-istess proċedura.

3. eta, għall-prodotti tal-ħsad ta' l-1968, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jista' jikkawża diffikultajiet u joħloq il-ħtieġa għal derogi minn ċerti rekwiżiti ta' l-*istandards* ta' kwalità, dawn id-derogi għandhom, fuq talba ta' Stat Membru, jiġu adottati għall-prodotti in kwestjoni u għal perijodu stabbilit skond il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 234/68.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Marzu 1968.

Għall-Kunsill

Il-President

E. FAURE

[1] ĠU N L 55, 2.3.1968, p. 1.

ANNESS

KWALITAJIET *STANDARD* KOMUNI GĦAL BASAL TAL-FJURI

I. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dawn l-*istandards* għandhom japplikaw għal basal, tuberi, għeruq tat-tuberi, basal tal-qasab, klil tal-ward u riżomi, imraqqda, li jaqgħu taħt is-subintestatura Nru 06.01 A tat-Tariffa Doganali Komuni.

II. KWALITAJIET MINIMI MEĦTIEĠA

Il-prodott għandu jkun:

— ġenwin;

— b'saħħtu;

— sħiħ, bla ebda ħsara;

— nadif;

— ħieles minn umdità mhux normali fil-wiċċ tiegħu;

— sviluppat sew;

— ħieles minn kull difett.

Il-prodott irid jissodisfa il-ħtieġiet leġittimi tal-konsumator fir-rigward ta' tkabbir u fjuri.

III. DAQS

Id-daqsijiet minimi u l-gradazzjoni tad-daqs għandhom ikunu indikati għall-prodotti li ġejjin kif speċifikat hawn taħt:

Nru	Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni (deskrizzjoni teknika; ara n-noti)	Daqs minimu	Gradi tad-daqs
1	Anemone coronaria	A, B, C	4 cm	4–5; 5–6; 6–7; 7–8; 8 u iżjed
2.0	Begonia, mhux elenkati imkien ieħor	D	3 cm	3–4; 4–5; 5–6; 4–6; 6 u iżjed
2.1	– tuberhybrida multiflora	D	2,5 cm	2,5–5; 5 u iżjed
2.2	– tuberhybrida m. maxima	D	2,5 cm	2,5–3,5; 3,5–5; 5 u iżjed
2.3	– x bertinii compacta	D	2,5 cm	2,5–3,5; 3,5–5; 5 u iżjed
2.4	– boliviensis O. Lamarck	D	2,5 cm	2,5–3,5; 3,5–5; 5 u iżjed
2.5	– x bertinii (Section Huszia)	D	3 cm	3–5; 5 u iżjed
2.6	– x bertinii marginata	D	3 cm	3–5; 5 u iżjed
3.0	Crocus (fjuri tar-Rebbiegħa), mhux elenkati mkien ieħor	A, B	7 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10 u iżjed
3.1	– (speċi) mhux elenkati mkien ieħor	A, B	5 cm	xejn
3.2	– imperati	A, B	4 cm	xejn
3.3	– minimus	A, B	4 cm	xejn
3.4	– tomasianus	A, B	4 cm	xejn
3.5	– fleischeri	A, B	3 cm	xejn
3.6	– laevigatus	A, B	3 cm	xejn
3.7	– neapolitanus "Vanguard" (Syn. Cr. vernus) "Vanguard"	A, B	7 cm	7–8; 8–9; 9 u iżjed

Nru	Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni (deskrizzjoni teknika; ara n-noti)	Daqs minimu	Gradi tad-daqs
3.8	– kotschyanus (Syn. Cr. zonatus)	A, B	7 cm	7–8; 8–9; 9 u iżjed
3.9	– sativus	A, B	7 cm	7–8; 8–9; 9 u iżjed
4.0	Dahlia variabilis, minbarra t-tipi:	E	40 kg	xejn
	– dalja koleretta	E	2,5 g	xejn
	– dalja, żgħir, mimli toqob	E	2,5 g	xejn
	– dalja, żgħir, waħdieni	E	2,5 g	xejn
	– dalja, żgħir, *topmix*	E	2,5 g	xejn
5	Freżja	A	4 cm	4–5; 5 u iżjed
6.0	Gladjoli, bi blanzuni kbar	A, B, C	8 cm	8–10; 10–12; 12–14; 14 u iżjed
6.1	– primulinus	A, B C	7 cm	7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.2	– Heraud	A, B, C	7 cm	7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.3	– Papillon	A, B, C	7 cm	7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.4	– byzantinus	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.5	– communis	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.6	– x nanus	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8–10; 10–12; 12 u iżjed
6.7	– colvilleix	A, B, C	5 cm	
7.0	Hyacinthus orientalis	A, B, C	14 cm	14–15; 15–16; 16–17; 17–18; 18–19; 19 u iżjed
7.1	– – "Rosalie"	A, B, C	13 cm	13–14; 14–15; 15–16; 16 u iżjed
7.2	– – "Romanus"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10–11; 11–12; 12–13; 13–14; 14–15; 15–16; 16 u iżjed
7.3	– – var. albulus	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10–11; 11–12; 12–13; 13–14; 14–15; 15–16; 16 u iżjed
8.1	Iris "Wedgwood"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
8.2	– Prof. Blaauw'	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
8.3	– xiphioides (Ingliża)	A, B, C	7 cm	7–8; 8–9; 9 u iżjed
8.4	– x hollandica, minbarra l-varjetajiet li ġejjin:	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8 u iżjed
8.5	– – Ankara, Bronze Queen, Bronze Beauty, Early Bronze, Golden Bronze, Huchtenburg, Le Mogul, Yellow Queen	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
8.6	– xiphium (Spanjol)	A, B, C	4 cm	4–5; 5 u iżjed
8.7	– danfordiae	A, B, C	4,5 cm	4,5–5; 5 u iżjed
8.8	– reticulata	A, B, C	5	5–5,5; 5,5–6; 6 u iżjed
8.9	– tingitana	A, B, C	9	9–10; 10–11; 11 u iżjed

Nru	Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni (deskrizzjoni teknika; ara n-noti)	Daqs minimu	Gradi tad-daqs
9.1	Lilium speciosum	A	17 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.2	– henryi	A	16 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.3	– regale	A	16 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.4	– candidum	A	16 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.5	– croceum	A	14 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.6	– – cv. "Umbellatum"	A	14 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.7	– – davidii var. willmottiae(Syn. L. willmottiae)	A	12 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.8	– tigrinum	A	10 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.9	x tigrimex (Syn. L Maxwill)	A	10 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.10	– formosanum	A	8 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.11	– (Syn. L. philippinense var. formosanum)			7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
9.12	– pumilum (Syn. L. tenuifolium)	A	7 cm	7–8; 8–9; 9–10; 10–12; 12–14; 14–16; 16–18; 17–18; 18–20; 20–22; 22–24; 24 u iżjed
10.0	Narcissus, mhux elenkat imkien iehor	F		
10.1	– tazetta "Constantinople"	A	13 cm	xejn
10.2	– – "Gloriosa"	A	13 cm	xejn
10.3	– – "Grand Monarque"	A	13 cm	xejn
10.4	– – "d'or aureus"	A	13 cm	xejn
10.5	– – "Paperwhite"	A	12 cm	xejn
10.6	– – "Papyraceus" (Syn. N. taz. totus albus)	A	10 cm	xejn
11	Ranunculus	F	'Klil' imlaħħam b'ta' mill-inqas 5 punti	xejn
12	Sinningia (Syn. Gloxinia)	D	4 cm	4–5; 5–6; 4–6; 6 u iżjed

Nru	Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni (deskrizzjoni teknika; ara n-noti)	Daqs minimu	Gradi tad-daqs
13.0	Tulipa, minbarra:	A, B, C	Għarbiel 11	11–12; 12 u iżjed
13.1	– tulipani, early cottage	A, B, C	Għarbiel 10	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.2	– tulipani, li jagħmlu l-fjuri kmieni	A, B, C	Għarbiel 10	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.3	– tulipani, kuluri mżewwqa Bizarres, Bijbloemen, Rembrandt, mingħajr il-varjetajiet:	A, B, C	Għarbiel 10	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.4	"Cordell Hull" "American Flag","Montgomery"	A, B, C	Għarbiel 11	11–12; 12 u iżjed
13.5	– Tulipani "perroquet", Café Brun, Café Pourpre, Amiral de Constantinople, Crimson Beauty, Lutea major, Mark-graaf van Baden, Perfects—tulipani, botaniċi	A, B, C	Għarbiel 9	9–10; 10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.6	Tulipa fosteriana	A, B, C	Għarbiel 10	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.7	– – "Rockery Beauty"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.8	Tulipa kaufmanniana	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.9	– – Alfred Cortot, Elliot, Gluck, Vivaldi	A, B, C	9 cm	9–10; 10–11; 11 u iżjed
13.10	– – Bellini, Edwin Fischer, Fair Lady, Fritz Kreisler, Gaiety, Golden Sun, Goudstuk, Lady Rose, Mendelssohn, Robert Schumann, Solanus, Stresa, Sweelinck	A, B, C	Għarbiel 8	8–9; 9–10; 10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.11	Tulipa kaufmanniana x greigii Hybrides	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.12	Tulipa eichleri	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.13	– – cv. "Excelsa"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.14	Tulipa greigii	A, B, C	10 cm	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.15	– praestans 'Fusilier'	A, B, C	10 cm	10–11; 11–12; 12 u iżjed
13.16	– – l-oħrajn kollha	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.17	– – cv. "van Tubergens"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.18	– – cv. "Zwanenburg"	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.19	Tulipa acuminata	A, B, C	8 cm	8–9; 9–10; 10 u iżjed
13.20	Tulipa celsiana (Syn. T. persica)	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8 u iżjed
13.21	– marjoletti	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8 u iżjed
13.22	– orphanidea	A, B, C	6 cm	6–7; 7–8; 8 u iżjed
13.23	– florentina	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.24	– hageri	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed

Nru	Deskrizzjoni botanika tal-prodott	Metodu ta' gradazzjoni (deskrizzjoni teknika; ara n-noti)	Daqs minimu	Gradi tad-daqs
13.25	– – "Splendens"	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.26	– Kolpakowskiana	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.27	– preacox	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.28	– silvestris "Major"	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.29	– – var. taebris	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.30	– tarda (Syn. T. dasystemon)	A, B, C	5 cm	5–6; 6–7; 7 u iżjed
13.32	– chrysantha	A, B, C	3 cm	3–4; 4–5; 5 u iżjed
13.32	– Tulipani botaniċi mhux elenkati mkien ieħor	A, B, C	4 cm	4–5; 5–6; 6 u iżjed

Noti:

A = *Ċirkonferenza:* id-dimensjonijiet murija huma dawk ta' l-akbar ċirkonferenza mkejjla b'mod perpendikulari mal-fus taz-zokk

B = *Għarbiel:*id-dimensjonijiet murija huma dawk ta' l-għeriebel użati biex jiġi kkalkulat id-daqs. Il-grad tad-daqs għandu jiġi stabbilit skond l-għarbiel li minnu l-basla ma tistax tgħaddi u mill-għarbiel aktar kbir li jmiss.

C = *Skala normali:* daqsijiet inklużi fl-istess grad tad-daqs għandhom jiġu rappreżentati b'mod uniformi f'lott partikolari.

D = *Dijametru:* id-dimensjonijiet murija huma dawk ta' l-akbar dijametru meħud b'mod perpendikulari mal-fus taz-zokk.

E = *Piż*

F = *Gradazzjoni bl-idejn:* Basal li d-daqs tagħhom jigi gradat fuq l-ghajnejn.

IV. TOLLERANZI TAD-DAQS

Fir-rigward ta' prodotti li d-daqs minimu u l-grad tad-daqs tagħhom huma stabbiliti, it-tolleranzi sa 10 % skond il-piż jew skond in-numru ta' basal għandhom jitħallew għal kull pakkett għal basal li jagħmlu l-fjuri li d-daqs tagħhom jeċċedi jew huwa inqas mill-grad tad-daqs indikat, għajr jekk jinxtorbu minħabba tnixxif normali.

Ebda tolleranza m'għandha tkun permessa fir-rigward ta' daqsijiet li huma inqas mid-daqsijiet minimi murija, ħlief jekk jinxtorbu minħabba tnixxif normali.

V. IPPAKKJAR U PREŻENTAZZJONI

Kull pakkett tal-bejgħ jista' jkollu f'unitajiet ippakkjati (pakketti, eċċ) prodotti ta' varjetajiet, speċji u tipi differenti.

Kull unità ppakkjata, madanakollu, jista' jkollha biss prodotti ta' l-istess speċji, ta' varjetà waħda jew iżjed, u r-regoli dwar id-daqsijiet iridu jiġu mħarsa.

VI. IMMARKAR

A. *PRODOTT IPPAKKJAT*

Il-pakketti għandhom iġibu d-dettalji li ġejjin, immarkati b'mod li jinqara sew u li ma jistax jiġi mħassar:

I. Unitajiet ippakkjati

(a) Identifikazzjoni

Min jippakkja jew Il-Bejjiegħ } Isem u indirizz jew il-marka tal-kodici;

(b) Natura tal-prodott
— tip (genus);
— speċji;
— varjetà (mnissla bil-koltivazzjoni) jew kulur (jekk il-prodotti jitqiegħdu fuq is-suq skond il-varjetà jew kulur) jew, jekk dan ikun approprjat, l-indikazzjoni 'Taħlita';

(ċ) Oriġini tal-prodott (fakoltattiva)
Reġjun ta' l-oriġini, jew l-isem nazzjonali, reġjonali jew lokali;

(d) Speċifikazzjonijiet kummerċjali
— numru ta' oġġetti;
— gradazzjoni tad-daqs, indikata billi jintwerew il-limiti superjuri u inferjuri għall-prodotti li għalihom japplikaw dawn il-limiti;
— trattament ta' tħejjija, jekk dan it-trattament ikun ġie mwettaq;

(e) Timbru ta' kontroll uffiċjali (ottimali).

II. Pakketti tal-bejgħ li jkun fihom l-unitajiet ippakkjati

(f) Identifikazzjoni

Min jippakkja jewIl-Bejjiegħ } Isem u indirizz jew il-marka tal-kodiċi;

(g) Natura tal-prodott
'basal li jagħmel il-fjuri'.

B. *PRODOTTI PREŻENTATI GĦALL-BEJGĦ BL-INGROSSA*

Jekk il-prodott jiġi preżentat għall-bejgħ bl-ingrossa, id-dettalji li ġejjin għandhom jintwerew fuq tikketta jew karta sabiex jiġu mgħarrfa ix-xerrejja:

— tip (genus);

— speċji;

— varjetà (mnissla bil-koltivazzjoni) jew kulur (jekk il-prodotti jitqiegħdu fuq is-suq skond il-varjetà jew kulur) jew, jekk dan ikun approprjat, id-deskrizzjoni 'taħlita';

— gradazzjoni tad-daqs, indikata billi jintwerew il-limiti superjuri u inferjuri għall-prodotti li għalihom japplikaw dawn il-limiti;

C. *PRODOTTI MAĦSUBA GĦALL-ESPORTAZJZONI LEJN PAJJIŻI TERZI*

Id-dettalji mogħtija taħt A I u A II għandhom jitwaħħlu mal-pakketti. L-esportatur jista', madanakollu, jniżżel dawn id-dettalji fuq in-nota tal-kunsinna li tintbagħat ma' l-oġġetti, u f'dan il-każ għandu jitpoġġa numru ta' referenza fuq kull pakkett.